MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Numru 67/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**Charles Portelli**

**Illum 23 ta' Frar, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles Portelli, ta' 19-il sena, bin Pawlu u Natalina nee` Balzan, imwieled il-Pieta` fil-11 ta' Settembru 1985 u li joqghod Block 1, Door B, Flat 17, Triq Mithna, Gudja u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 464185(M) gie akkuzat:

Talli fit-23 ta' Novembru 2004 gewwa iz-Zejtun ikkommetta serq ta' stereo ta' ghamla Kenwood ghal valur ta' Lm65 minn gewwa l-vettura ta' ghamla Ford u l-mudell Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BAD-028 ghad-dannu ta' Christopher Busuttil miz-Zejtun liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur ta' l-artikoli 263 (a), 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli gewwa Triq il-Hawli, Cospicua nhar it-23 ta' Novembru ghall-habta tal-11.00pm, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta pprova jisraq mill-vettura ta' ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoin ABL-842 ghad-dannu ta' Gavin Buttigieg mill-Birgu liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta' l-artikoli 263 (a), 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli gewwa Triq Gudja, Tarxien nhar l-24 ta' Novembru ghall-habta tas-6.00pm, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta pprova jisraq mill-vettura ta' ghamla Toyota Windy bin-numru ta' registrazzjoni LCF-224 ghad-dannu ta' Adrian Bonnici minn Hal-Qormi liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, liema deklitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u dana bi ksur ta' l-artikoli 263 (a), 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lill-proprjeta privata, mobbli jew immobli, liema hsara tammonta ghal iktar minn hamsin liri Maltin (Lm70) ghad-dannu ta' Adrian Bonnici minn Hal-Qormi fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota ta' mudell Windy b'numru ta' registrazzjoni LCF-224 u dana bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra il-piena stabbilita tapplika wkoll l-art 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti giet umilment mitluba wkoll li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat iddikjara fis-seduta ta' llum li m'ghandux htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u l-imputat rega' wiegeb li m'ghandux htiega ta' avukat.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MS3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u rritorna ir-refurtiva.

Rat l-artikoli 261 (b), (f) u (g), 263 (a), 270, 271 (g), 278 (3), 281 (b), 41 (1) (a) u 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles Portelli, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u rritorna r-refurtiva u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Charles Portelli ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Charles Portelli jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qort qed taghti lill-imputat Charles Portelli l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Charles Portelli b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma’ jimmolesta lill-Adrian Bonnici ghal zmien sena mil-lum.

Finalment, in kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti barra li tinfliggi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta f’din il-kawza, tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------